**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**.**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 352/2022 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**MM**

**Vs**

**AG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MM datat 23 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A"*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fil- 5 ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AG datata 10 ta' Awwissu 2022, li taqra hekk:

1. *Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti sabiex iz-zwieg taghhom li sar fil-5 ta' Settembru 2008, certifikat numru 1777/2008 jigi iddikjarat mahlul.*

2. *Illi huma ilhom ma jghixu flimkien mill-erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (14/1/2015) u qatt ma regghu marru jghixu flimkien minn dak inhar.*

3. *Illi m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

4. *Illi m'hemmx arretrati ta' manteniment dovuti.*

5. *Illi hu qed jipprezenta l-affidavit tieghu, hawn anness u mmarkat bhala Dok AG.*

6. *Illi hu jixtieq li l-ispejjez ikunu bla taxxa.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' AG datata 10 ta' Awwissu 2022, li permezz taghha ddikjara li ma kellhux aktar provi x'jipproduci u stieden l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta' Novembru 2022, vide fol 23, illi permezz taghha ppresentat l-affidavit taghha;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AG xehed** (vide affidavit Dok AG, vide fol 20) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2008. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 14 ta' Jannar 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**MM xehdet** (vide affidavit Dok D, fol 24) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2008 liema

zwieg jgib certifikat numru 1777/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3.) Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento nhar l-14 ta' Jannar 2019 (vide Dok B fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1777/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**